MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 98/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sharon Tanti)**
**Vs**

**Maryanne Decelis**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza, kif emendata, dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

**a) meta kellha r-responsabbilta' ta' Rebecca u Abigail Decelis, it-tnejn li huma, tfal ta' taht it-tnax il-sena, b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil**

**haqret lill-istess tfal imsemmija jew gieghlet jew ippermettiet il-mohqrija tat-tfal b'mezzi simili;**
b) ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Rebecca w Abigail Decelis, minuri ta' 5 u 4 snin rispettivament kif iccertifikat minn Dr. Cheryl Vella tal-Isptar San Luqa;
c) ghad li kellha l-jedd li twiddeb lil Rebecca w Abigail Decelis, harget barra mill-qies.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 247 A(1), 221(1) u (4), 222(1)(b) u 339(1)(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannata ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1) sospiza ghal sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ma sabitix hatja ta' akkuza (b) u ghaldaqstant illiberata minnha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja w tirrevokaha ghall-kumplament billi hekk tilliberaha minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti filli l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 247A tal-Kap.9 jirrikjedu li jkun hemm il-persistenza. Mhux bizzejjed ghal dan ir-reat li jkun hemm fatt izolat, imma l-atti jridu jkunu jippersistu. Il-fatt irid ikun kontinwat jew kontinwu. Dan ir-reat gdid meta gie mahluq recentement halla latitudini x' inhi mohrqija imma ghamel element kostituttiv li jkun hemm persistenza w mhux fatti izolati. L-elementi l-ohra li ma humiex definiti car fil-ligi ukoll ma jirrizultawx. Dan ghaliex il-fatti juru li l-appellanti stess kienet vittma tac-cirkostanzi w kienet mhedda hi stess, kienet tibza' hi stess mit-theddid u bid-debulizzi taghha ma kienetx f' qaghda li tikkontrasta l-agir ta' haddiehor. Il-kontravvenzjoni dwar l-eccess ta' korrezzjoni tal-ulied**

**bl-ebda mod ma rrizultat kontra taghha, ghax l-ebda prova ma ngabet kontra taghha dwar xi eccess. Il-piena, anki jekk sospiza, kienet gravuza fi kwalunkwe kaz. Dan ir-reat m'ghandux minimu ghaliex il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti skond il-kaz. Jekk kien hemm xi nuqqas ta' kura skond *standards* normali tal-kura tat-tfal, apparti li ma kienx jikkostitwixxi r-reat dedott taht l-artikolu 247A, dan kien minimu relattivament fil-kaz taghha u tenut kont tac-cirkostanzi kollha personali u fattwali tal-appellanti.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tat-18 ta' Mejju, 2006, li biha ddikjarat li l-interpretazzjoni tal-artikolu 247 A tal-Kodici Kriminali ghandha tkun ibbazata fuq il-ligi Ingliza u b' mod partikolari l-Att tal-1933 fuq "Children and Young Persons Act", li jirriferi ghall-krudelta' lejn persuna taht is-sittax il-sena minn min jiehu hsiebhom. Iddikjarat ukoll li taqbel li jrid ikun hemm diversi atti ta' ghemil u mhux att wiehed biss li jwassal ghall-mohqrija tat-tifel skond kif inhi l-ligi Maltija.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda kemm punti ta' ligi dwar x' inhu l-import tal-artikolu 247A kif ukoll punti ta' fatt li jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.**

**L-artikolu 247A, introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002, jiddisponi hekk fl-ewwel zewg subartikoli tieghu:-**

*"(1) Kull min ikollu r-responsabbilta' ta' tifel ta' taht it-tnax il-sena u b' atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil jahqar lit-tifel jew igieghel jew jippermetti l-mohqrija tat-tifel b 'mezzi simili, jehel meta jinsab hati, kemm il-darba l-fatti ma jkunux jikkostitwixxu reat aktar gravi taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn."*

***"(2) Ghall-finijiet tas-subartikolu (1), mohqrija tinkludi li wiehed jittraskura lit-tifel fil-bzonnijiet tieghu ta' nutrizzjoni adegwata, ta' ilbies adegwat, ta' kenn adegwat, u ta' protezzjoni adegwata biex ma tigrilux hsara, li wiehed persistentement joffendi d-dinjita'; u l-karattru tat-tifel b' mod gravi u li wiehed persistentement jimponi fuq it-tifel xoghol mhux addattat ghall-eta' tieghu jew xoghol fiziku iebes."***

Skond ma ddikjarat il-Prosekuzzjoni is-sors ta' dan l-artikolu gdid jinsab fil-ligi Ingliza w cioe' ic-Children and Young Persons Act (1933). Section 1 (1) tal-ligi Ingliza tal-1933 titkellem fuq ir-reat kommess minn "*any person who has attained the age of sixteen years, and has the custody, charge or care of any child or young person under that age, wilfully assaults, ill-treats, neglects, abandons or exposes him to be assaulted, ill-treated, neglected, abandoned or exposed, in a manner likely to cause him unnecessary suffering or injury to health (including injury to or loss of sight, or hearing, or limb, or organ of the body, and any mental derangement)"*

**Umbaghad is-Section (7) kienet tiddisponi li *"Nothing in this section shall be construed as affecting the right of any parent, teacher or other person, having the lawful control or charge of a child or young person, to administer punishment to him."***

**Mill-qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi Maltija jemergi li r-reat in dizamina jista' jigi kommess b' diversi modi w cioe' minn min b' atti jew ommissjonijiet persistenti jahqar jew igieghel jew jippermetti l-mohqrija ta' tifel minn haddiehor bl-istess atti jew ommissjonijiet persistenti. It-tieni**

**subartikolu umbghad ikompli jelabora x' tista' tinkludi din il-mohqrija w cioe' li wiehed jittraskura t-tifel fil-bzonnijiet tieghu ta' nutrizzjoni adegwata, ilbies adegwat, kenn adegwat u ta' protezzjoni adegwata biex ma jigrilux hsara. Hawn jidher li l-kelma jittraskura ghandha aktar is-sinifikat ta' ommissjoni li wiehed jaghmel dak li ghandu jaghmel milli ta' xi att involontarju. Finalment ukoll hi inkluza f' mohrija li wiehed persistentement joffendi d-dinjita' w l-karattru tat-tifel b' mod gravi jew jimponi fuq it-tifel xoghol mhux addattat ghall-eta' tieghu jew xoghol fiziku iebes.**

**Fi kliem iehor, il-gamma ta' atti jew ommissjonijiet li jistghu jammontaw ghall-mohqrija imputabbli tidher ferm wiesgha w tikkomprendi diversi aspetti li jmorru lil hinn mis-swat, kastigi esagerati, eccetera. L-element tal-persistenza jidher ukoll emfasizzat fil-ligi .**

**Illi ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti w cioe' dik li ghad li kellha l-jedd li twiddeb lil Rebecca u Abigail Decelis, harget barra mill-qies, il-principju regolatur hu li l-genituri huma intitolati li jinfliggu kastig fiziku moderat u ragjonevoli fuq uliedhom, pero' kif gie ritenut minn Cockburn CJ fil-kawza ta'** Hopley **(1860) [2.F & F 202 at 206] :-**

"but, if it is administered for the gratification of passion or rage or if it be immoderate or excessive in its nature or degree, or if it be protracted beyond the child's powers of endurance or with an instrument unfitted for the purpose and calculated to produce danger to life and limb, then it is unlawful."

**Ikkonsidrat;**

**Is-sottomissjoni tal-appellanti li l-agir taghha ma kienx jaqa' taht din il-gamma ta' atti jew ommissjonijiet hija wahda li necessarjament tinvolvi l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif**

**ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .**

**Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will***

***be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija.**

**Illi meta** PS 768 SILVIO BRINCAT **kien kellem lill-appellanti fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni (Fol. 17) u staqsiha d-daqqiet u tbengil fuq idejn u saqajn it-tifla Rebecca x' kienu, din kienet qaltlu li d-daqqa fuq wiccha kienet dovuta ghall-waqa' minn fuq is-sodda w l-kumplament kien ghamilhomlha l-habib taghha David Borg biex johrog il-verita' mit-tifla dwar allegazzjoni li oht l-appellanti kienet dahhlet subghajha fil-parti genitali tat-tifla. Meta hu osserva li t-tbengil kien juri li d-daqqiet kollha ma sarux f' daqqa w staqsa lill-appellanti *"Allura qatt ma tkellimt?",* l-appellanti baqghet thares lejh. (fol. 19). Is-Surgent xehed ukoll li d-dbengil kien jidher li kien ilu jsir ghax kellu kuluri differenti w l-omm qatt ma rraportat dwaru, anzi bdiet tahbi l-affarijiet.**

L-ISPETTUR CARLO ELLUL **xehed li meta kellem lill-appellanti, din qaltlu li t-tfal kienu vera mqarbin u**

**kienu ftit *high* u kien isawwathom David Borg. Hi gieli tathom xi daqqa hafifa, pero' mhux dawk id-daqqiet li fil-fatt kellha t-tifla, li kienet litteralment kullumkien tbengil minn fuq s' isfel. Meta hadu l-istqarrija tal-appellanti, din kienet uriethom certu movimenti goffi, perezempju dik tahbat saqajha mall-mejda ghax timbuttalek is-siggu, ghalhekk kellha d-daqqiet f' saqajha t-tifla. Din kienet l-ispjegazzjoni li tat l-appellanti ghala t-tifla kellha daqqiet f' saqajha, u cioe' ghax kienet timbuttalha s-siggu. Hi ammettiet li kienet issawwat lit-tfal imma mhux daqshekk gravi w bil-goff.**

**REBECCA DECELIS** xehdet li ommha l-appellanti tkun prezenti meta Borg jatihom id-daqqiet. U tkun qed tarah jaghmel dan u ma tippruvax twaqqfu biex ma jsawwathomx. Qatt ma rat lil Borg jimbotta lill-appellanti (Fol. 54)

**IT-TABIBA DR. SHIRLEY VELLA M.D.** tat deskrizzjoni dettaljata tal-kundizzjoni fizika li fiha sabet lill-minuri Rebecca u Abigail (Fols. 60 et seq.) Qalet li l-*bruises* kienu "*of different ages*." u li dan kien jidher mill-kuluri vjola, hodor u sofor li kellhom. Uhud minnhom kienu *grab marks*. Kien hemm ukoll *scratch marks* li kienu jindikaw li saru minn xi hadd u mhux minn xi waqa'. Dan kien jindika *abuse on first inspection.* Inoltre t-tfal kellhom xagharhom migbud u maqlugh minn diversi postijiet u kellhom il-qamel f' xagharhom ukoll.

**Fl-istqarrija taghha l-**APPELLANTI, **fost affarijiet ohra w li l-habib taghha Borg, li skondha kien missier it-tfal, kien isawwat lill-uliedha ghax kellu idejh hafifa w isawwathom kif gie, gie, daqqa fuq saqajhom, daqqa fuq wicchom u fuq sidirhom, qalet li fix-xahar li kien ilu jghix maghha , pero', lilha ma sawwathiex. Qabel pero' kien jatiha u hi qatt ma rraportatu. Hi lit-tfal meta ma jobdux tatihom xi daqqa fuq saqajhom.**
**Spjegat ukoll li l-*black eye* f' wicc' Abigail saret meta it-tifla kienet titbandal fil-gallarija u ma semghetx minnha u hi gibdet lit-tifla minn wara w hi w tigbidha, habtitilha wiccha mall-bieb. Umbaghad it-tifla waqghet**

**fit-toilet u regghet habtet wiccha mas-sink. Dak il-hin haditha l-Isptar bil-mixi timbotta l-*push chair* u t-tabib kitbilha ingwent u hi xtratulha. Mistoqsija ghaliex lil David Borg kienet thallieh isawwat lit-tfal quddiemha, rrispondiet : *"Ikun haqqhom ghax ma jkunux jobdu, imma nghidlu biex jirraguna u ma jaghmillhomx hekk."* David kien isawwathom quddiemha w igebbdilhom xagharhom. Hi pero' ma ggebdilhomx xagharhom lit-tfal. Mistoqsija ghaliex Rebecca itteptep hafna ghajnejha, irrispondiet "*Ilha taghmel hekk ta. Nahseb li ghax tibza mis-swat ghax meta nersqu lejha itteptep izjed ghajnejha, qisha qed tistenna xi daqqa."* Fl-ahhar ziedet tghid *: "Mhux se nsawwathom izjed jien u jekk imisshom David, inkeccieh, ghax l-ewwel it-tfal."* (fols. 34 u 35).**

**Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 103 et. seq.)** l-APPELLANTI **qalet li meta tkun qed tahsel lill-uliedha, kien jidhol David fil-kamra tal-banju, jimbuttaha, jahsilhom hu, isawwathom, jaqbadhom minn xagharhom, qiesu qed jaqbad xi fniek. Hi bhala omm kienet taqbez ghall-uliedha.w kienet tghidlu : *"Mhux hekk jahasra ssawathom!".* Mistoqsija jekk qattx ghamlet rapport lill-Pulizija, wiegbet li kienet tibza ghax meta kienet tghidlu *"Ha mmur l-ghassa!"* kien qalilha : *"Jekk tmur l-ghassa , impattihielek b' daqqa ta' mus."* U ghalhekk ma kienrtx tmur. Taf li kellha cans imma kienet tibza, ghax kien jheddidha. Hu kellu mus. Gieli anki sawwat lilha ghax kien jitlobha l-flus u ma tatihx. Lit-tfal qatt ma sawwtithom. Daqqtejn bil-mod f' idejhom iva, imma dawk is-swat li rat, qatt ma sawwtithom. It-tbengil fuq it-tfal sar bid-daqqiet li kien jatihom David Borg. "*U mhux daqqiet bil-mod ta. Lil Rebecca kien jimbuttha hafna….Kien isawwatha hafna u jghajjarha li hi mignunma ."* Mistoqsija mill-Prosekutur jekk fl-istqarrija kienetx qalet li tressaq it-tfal taht il-mejda biex jieklu bil-herra, wiegbet: *"mhux bis–sahha imma. Mhux bis-sahha. Bil-mod iva imma mhux bis-sahha.."* u "*iktar hu kien isawwathom u jigbdilhom xagharhom."***

**Ziedet tghid ukoll li meta kienet tghid lil Borg "*Ha ncempel lit-tabib.*" Kien jghidilha "*Le ccempilx.*" U johdilha t-telecel Ma setghetx iccempel meta ma kienx ikun hemm ghax kien ibezzaghha. Lilha kien isawwatha ukoll imma mhux quddiem it-tfal u darba kellha erba xhur tqala w korrieha.**

Ikkonsidrat;

Illi mill-istess stqarrija li ghamlet l-appellanti jirrizultaw is-segwenti fatti fil-konfront taghha. Hi kienet tara lil habib taghha ripetutament isawwat liz-zewgt ibniet minuri. Kienet tara l-effetti ta' dan is-swat konsistenti fi tgbengil fuq gisimhom kollu. Pero' qatt ma sabet il-kuragg biex tieqaf lill-habib taghha w ma thallihx isawwat lill-uliedha w, inqas u inqas, jekk veru kienet rinfaccjata b' sitwazzjoni ta' theddid u swat mill-istess habib taghha, ma hasset il-htiega li titlob il-protezzjoni tal-Pulizija, tas-*social workers* jew ta' xi awtorita' ohra li setghet tghinha. Ir-rizultat ta' din l-azzjoni jew inazzjoni taghha, li svolgiet fuq firxa ta' zmien u mhux f' okkazzjoni wahda, kien li t-tfal minuri - zewgt ibniet tal-eta' tenera ta' hames u tlitt snin, sfaw kollha tbengil, b' xagharhom maqlugh minn xi postijiet u addirittura infestati bl-insetti f'' xuxithom - sintomu dan tal-ahhar ta' traskuragni grassa f' omm.

In oltre, e*x admissis*, meta kienet iddahhal is-siggu tat-tifla minuri taht il-mejda tal-ikel biex din tersaq lejn il-mejda biex tiekol, kienet ripetutament tolqtilha saqajha mas-sieq tal-mejda, b' mod li tbengilhomlha. Jekk din l-ispjegazzjoni li tat ghat-tbengil f' saqajn il-minuri hija vera – haga li din il-Qorti tiddubita serjament - ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti dan jikkostitwixxi mohqrija persistenti. Biex tbengel rigel xi hadd, hu ovvju li xi ftit jew wisq tkun weggajtu bid-daqqa li taghtih ma haga iebsa bhal ma hija sieq il-mejda. Hu minn hawn id-dinja ukoll li meta tifla zghira twegga b' dan il-mod, ser turik billi tibki jew tilmenta mieghek li weggajtha. U jekk din tigri darba w int tinduna li weggajt lil bintek, ma tergax tibqa' tirrepetiha abitwalment, kif ippruvat taghti x' tifhem li sar l-appellanti.

**Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , l-appellanti rrendiet ruha hatja tar-reat dedott kontra taghha kemm b’ atti persistenti ta’ kommissjoni bhal ma huma d-daqqiet mas-sieq tal-mejda, kif ukoll b’ atti ta’ ommissjoni w cioe’ meta ppermettiet lil habib taghha jsawwat lill-uliedha ripetutament bla ma ppruvat twaqqfu jew b’ xi mod titlob l-intervent ta’ l-awtorita’ li setghat twaqqfu w konsegwentement ittraskurat li tiehu dawk il-passi xierqa biex il-minuri <u>jkollhom dik il-protezzjoni adegwata biex ma tigrilhomx hsara</u>.**

**Ghar-rigward tas-sejbien ta’ htija taht it-tielet imputazzjoni, w cioe’ li ghad li kellha l-jedd li twiddeb lill-uliedha minuri, harget barra mill-qies, mill-provi jidher li din tirrizulta ukoll mil-fatt li meta kienet tressaq it-tfal taht il-mejda biex jieklu, dan kienet taghmlu b’ certa herra, bir-riuzultat li, skond kif qalet hi stess, sahansitra kienet tbenglilhom riglejhom.**

**Ghalhekk l-aggravju dwar il-htija qed jigi respint.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’ jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.). L-Ewwel Qorti deherilha li ghandha tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali , u dana ghal sena prigunerija minnflok il-massimu ta’ sentejn li tipprovdi l-ligi f’ dan l-artikolu gdid. Ghalhekk mhemmx dubju li l-piena erogata kienet entro l-parametri stabiliti bil-ligi.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, din il-Qorti thoss li l-Ewwel Qorti tat provvediment sagg fil-konfront tal-appellanti. Fil-waqt li evalwat ic-cirkostanzi kollha, deherilha li b’ tali provvediment ma kelliex tinkarcera lil din l-omm b’effett immedjat, pero’ mil-banda l-ohra hasset li ghandha tpoggiha taht kondizzjoni**

**sospensiva jekk verament trid tevita l-habs u dan, biex fil-kaz li l-minuri involuti jergghu b' xi mod jigu taht il-kura u kustodja taghha, ghandu jservi ta' protezzjoni ghalihom. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti billi tvarja l-piena.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------